

32001R2245

20.11.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 303/17

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2245/2001  
tad-19 ta' Novembru 2001**

**li jemenda l-Annessi IIIB u VI tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 fir-rigward ta' kwoti  
għar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 tas-7 ta' Marzu 1994 dwar regoli komuni għall-importazzjoni ta' prodotti tat-tessuti minn ċerti pajjiżi terzi mhux koperti bi ftehim bilaterali, protokollu jew arranġamenti oħra, jew b'xi regoli oħra speċifiċi tal-Komunità fuq ir-regoli ta' l-importazzjoni <sup>(1)</sup>, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2878/2000 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 f'konnessjoni ma' l-Artikolu 25(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 517/94 iwaqqaf il-limiti kwantitattivi ta' kull sena għal ċerti prodotti tat-tessuti ġejjin mir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja.
- (2) Wara t-tibdiliet politiki fir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja f'Ottubru 2000, il-pajjiż issa huwa partċipant sħiħ fil-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-UE u huwa benefiċjarju sħiħ tas-sistema ta' kummerċ preferenzjali tal-Komunità mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent imwaqqfa bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2000 tat-18 ta' Settembru 2000 li introduċa miżuri ta' kummerċ eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw jew huma marbuta mal-proċess ta' l-Istabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2820/98, u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1763/1999 u (KE) Nru 6/2000 <sup>(3)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2563/2000 <sup>(4)</sup>.
- (3) Mandat għan-negozjar ta' ftehim bilaterali fil-kummerċ fit-tessuti għadu ma jstax jiġi kunsidrat ladarba kwistjonijiet relattati ma' kummerċ barrani u kontroll doganali ġewwa r-Repubblika Fererali tal-Jugoslavja għad iridu jiġu solvuti.
- (4) Kummerċ f'ċerti kategoriji ta' prodotti tat-tessuti huwa fil-preżent imwaqqaf għax il-kwoti ġew użati kollha. Ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja talbet żieda ta' 20 % fuq dawk il-kwoti.

(5) Huwa xieraq li jiżiedu l-livelli tal-kwoti kollha għar-Repubblika Federali tal-Jugoslavja, kif kien sar għall-Kroazja u l-Bosnija-Erzegovina għas-sena 2000 bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 7/2000 <sup>(5)</sup> qabel in-negozjar ta' ftehim bilaterali fuq it-tessuti ma' dawk iż-żewġ pajjiżi.

(6) Il-punt tat-tluq biex tiġi stabbilita dik iż-żieda għandha tkun ir-rata ta' tkabbir fil-kwota għal kull kategorija li kienet prevista fil-Protokoll Supplimentarju tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Federali Soċjalista tal-Jugoslavja fuq il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti, konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/649/KEE <sup>(6)</sup>.

(7) Dik iż-żieda globali għandha tkun imqassma għall-kategoriji l-aktar meħtieġa, sal-limiti taż-żidiet mitluba mir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja.

(8) Il-livelli ta' kwota miżjuda għandhom jgħoddu mill-bidu tas-sena 2001 biex jassorbu ċerti talbiet ta' importazzjoni pendenti.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 517/94 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(10) Il-miżuri li hemm provduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għat-Tessuti, kif definit bir-Regolament (KE) Nru 517/94,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi IIIB u VI tar-Regolament (KE) Nru 517/94 huma emendati kif imwaqqaf fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jgħodd mill-1 ta' Jannar 2001.

<sup>(1)</sup> ĠU L 67, ta' l-10.3.1994, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 333, tad-29.12.2000, p. 60.

<sup>(3)</sup> ĠU L 240, tat-23.9.2000, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 295, tat-23.11.2000, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 2, tal-5.1.2000, p. 51.

<sup>(6)</sup> ĠU L 352, tal-15.12.1990, p. 120.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' Novembru 2001.

*Għall-Kummissjoni*

Pascal LAMY

*Membri tal-Kummissjoni*

---

## ANNEX

L-Annessi IIIB u VI tar-Regolament (KE) Nru 517/94 huma emendati kif ġej:

1. L-Anness IIIB huwa mibdul b'dan li ġej:

## "ANNEX IIIB

**Limiti kwantitattivi ta' kull sena tal-Komunità msemija fir-raba' indent ta' l-Artikolu 2(1)**

## IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-JUGOSLAVJA

Kategorija	Unità	Kwantità
1	Tunnellati	2 309
2	Tunnellati	2 848
2a	Tunnellati	644
3	Tunnellati	312
5	1 000 biċċa	794
6	1 000 biċċa	419
7	1 000 biċċa	241
8	1 000 biċċa	1 066
9	Tunnellati	292
15	1 000 biċċa	308
16	1 000 biċċa	230
67	Tunnellati	241"

2. L-Anness VI huwa mibdul b'dan li ġej:

## "ANNEX VI

**PROĊESSAR TA' TRAFFIKU 'L BARRA****Il-limiti kwantitattivi ta' kull sena tal-Komunità msemija fl-Artikolu 4**

## IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-JUGOSLAVJA

Kategorija	Unità	Kwantità
5	1 000 biċċa	1 483
6	1 000 biċċa	4 441
7	1 000 biċċa	2 170
8	1 000 biċċa	4 902
15	1 000 biċċa	2 548
16	1 000 biċċa	1 374"